# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2022.**

**Ċitazzjoni Numru 2193/2000/2 JA**

**Numru 5**

***Capua Palace Limited*, illum *Vilhena Property Investment Limited***

***v.***

**Erminia Arcidiacono; b'dikriet tal-15 ta' Marzu 2005 l-Avukat Leslie Cuschieri nħatar bħala kuratur *ad litem* tal-wirt tal-konvenuta Erminia Arcidiacono li mietet fil-mori tal-kawża; b'dikriet tat-30 ta' Lulju 2013 il-kawża tkompliet fl-isem ta' Mark Arcidiacono, Esther Robinson, Aldo Arcidiacono, Tania Ragonesi, u Renato Arcidiacono bħala werrieta tal-istess Erminia Arcidiacono minflok il-kuratur Avukat Leslie Cuschieri; b'dikriet tal-24 ta' Ottubru 2019 l-Avukat Leontine Calleja u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi nħatru kuraturi *ad litem* tal-wirt battâl ta' Aldo Arcidiacono, li miet fil-mori tal-kawża; b'digriet tal-15 t'Ottubru 2021 l-Avukat Cynthia Tomasuolo u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello nħatru kuraturi *ad litem* tal-konvenuta Esther Robinson**

1. Dawn huma żewġ appelli – wieħed ta' Boris Arcidiacono, terz li jgħid illi għandu interess fl-eżitu tal-kawża, u l-ieħor tal-konvenuti Mark Arcidiacono, Tania Ragonesi u Renato Arcidiacono – minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju 2014 li ikkundannat lill-konvenuti (fosthom dawk appellanti) sabiex iħallsu ħdax-il elf, erba' mija u disgħa u disgħin euro u sebgħin ċenteżmu (€11,499.70) lis-soċjetà attriċi bħala ħlas għal servizzi provduti minnha lill-mejta Erminia Arcidiacono – li tiġi omm il-konvenuti tallum – fiż-żmien li din damet rikoverata ġewwa *Capua Palace Residence.*

2. Il-fatti relevanti huma dawn: fit-30 ta' Ottubru 1998 sar ftehim bejn is-soċjetà attriċi u Erminia Arcidiacono li bih l-attriċi ntrabtet li tipprovdi diversi servizzi lil Erminia Arcidiacono, fosthom dawk ta' akkomodazzjoni ġewwa *Capua Suite* fil-*Capua Palace Residence.* Il-ftehim *inter alia* igħid hekk:

> »1. In consideration of the fees hereunder stated, the Residence undertakes to provide the Resident with accommodation and care services as is customary for his / her level of dependence and residence services, classified as semi-dependent at the time of admission into the Residence. This contract refers to accommodation for a long term stay.
>
> »… … …
>
> »3. The daily fee due by the Resident to the Residence at the date of agreement is Lm22.00 exclusive of any taxes which the Company or Residence may be required to charge by law. The said fee is being stipulated on the basis that the Resident is being provided accommodation in Capua Suite which is a double room on the 1$^{st}$ floor of the Residence.
>
> »4. Day of arrival and departure of the Resident shall constitute a full day's accommodation at the Residence; prior to admission, the Resident shall pay the Residence a refundable accommodation fee for one month which amounts to Lm669.00.
>
> »5. Should the level of dependence of the Resident increase at a later date from that stipulated at date of admission, the Residence shall initially advise the Resident and / or relatives verbally of this change. The Residence, whose decision shall be final, will consequently notify the Resident and / or relatives in writing of the changes in fees at least two (2) weeks in advance of their effective date.

»6. In the event that the Residence in its sole discretion and opinion is no longer in a position to continue providing the service to the Resident, it shall be entitled to terminate this agreement provided it gives at least ninety days' notice in writing to the Resident or his family or legal representatives. Thereafter this Agreement is terminated forthwith.

»… … …

»11. This Agreement is valid for one calendar year from date hereof, and shall be automatically renewed on the same terms and conditions for a further period of one calendar year unless notice of revision of fees in terms of Article One *supra* takes place or unless, without prejudice to Article Five *supra*, either party at least six weeks before the termination of the calendar year serves written notice on the other party that it does not intend to renew the contract for a further period of one year;

»12. The Resident declares to have read carefully and understood all terms and conditions of the above Admission Agreement and also the Conditions of Admission to *Capua Palace Residence*, which he / she accepts to observe and which together with these present terms constitute an entire contract between him / her and the Residence; the two documents are to be read and construed together and in the event of a conflict or contradiction between them these present terms shall prevail on the Conditions of Admission.«

3. Il-*Conditions for Admission of Residents to Capua Palace Residence* li jissemmew fil-ftehim u jitqiesu parti minnu jgħidu wkoll hekk:

»1. On Admission, the Resident shall provide the Residence with an admission form duly and comprehsively filled by his / her family doctor or Hospital Specialist. The form contains detailed information about the Resident's state of health and recommended medication. Should at any point during the Resident's stay at Capua Palace the Resident's state of health deteriorate beyond the level of care available at the Residence, the Resident will be transferred to St Luke's or Capua Hospital. The decision as to which hospital the Resident will be transferred will depend on his / her condition. The Resident or authorised representative will always be consulted.

»2. The Residence reserves the right to change, in its absolute discretion, the room / suite allocated to the Resident where the exigencies of the Residence so require for the better administration of the Residence or for the purposes of providing a better level of nursing care to the Resident. When the Residence intends to exercise such right it shall give the Resident or authorised representative a seven (7) day prior notification in writing. In no circumstances shall the accommodation fees due by the Resident to the Residence be changed simply for the reason that the Residence exercises its rights to change the room / suite allocated to the Resident for the better administration of the Residence.

»… … …

»11. The Residence is entitled to charge interest at the rate of 9% per annum, or any higher rate of interest on any sums due by the Resident to the

Residence which are still outstanding for thirty (30) days or more from the date of invoice.

»… … …

»13. The Resident declares to have carefully read and understood the above Conditions of Admission to Capua Palace, which he / she accepts to observe and which constitute a legally binding contract between him / her and Capua Palace Ltd.«

4. Ġara iżda illi Erminia Arcidiacono qatt ma ngħatat akkomodazzjoni fil-*Capua Suite* ġewwa *Capua Palace Residence,* hekk kif ried il-ftehim fuq imsemmi, iżda, minflok, inżamet fis-sular ta' fuq ta' din ir-residenza fejn kien hemm pazjenti anzjani bi bżonnijiet partikolari, fosthom pazjenti tal-isptar li kienu meqjusin bħala *acute patients*.

5. Kemm Erminia Arcidiacono, meta kienet għadha ħajja, u issa wliedha l-konvenuti, irrifjutaw li jħallsu lill-attriċi dak li din qiegħda titlob fil-kawża tallum. Igħidu illi, ladarba l-attriċi ma ħarsitx il-ftehim għax Erminia qatt ma nżammet fil-*Capua Suite*, mela ma għandhom jagħtu xejn lill-attriċi.

6. L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

»1. tillikwida l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi kif premess;

»2. tikkundanna u tordna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma hekk likwidata dovuta għal servizzi mediċi u ta' sptar, konsultazzjonijiet, servizzi ta' patoloġija u fisioterapija u servizzi oħra;

»Bl-ispejjeż u bl-imgħax … … …«

7. Il-konvenuta Erminia Arcidiacono ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»… … …

»3. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi peress illi hija ma kinitx f'pożizzjoni li tipprovdi s-servizzi miftiehma fuqhom, *cioè* "*accommodation in Capua Suite which is a double room on the 1st floor of the Residence*", jiġifieri *Capua Palace Residence*, u minflok l-eċċeipjenti tpoġġiet fit-taqsima tal-kura intensiva ta' *Capua Palace* temporanjament sakemm titlesta r-*Residence*,

liema *Residence* ma setgħetx tiffunzjona peress li ma kellhomx *staff* allokat għaliha. Intlaħaq ftehim verbali li minflok Lm22 kuljum titħallas is-somma ta' Lm13.50 kuljum (kif il-konvenuta kienet qed tħallas qabel f'*Villa Messina*) u fil-fatt il-konvenuta kienet qed tħallas dan l-ammont. Iżda s-soċjetà attriċi reġgħet ippretendiet somma akbar.

»4. L-eċċipjenti u wliedha qegħdin jirriżervaw id-dritt li jfittxu lis-soċjetà attriċi għad-danni minħabba d-deterjorament fiżiku u mentali fis-saħħa tal-eċċipjenti«

8. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… … … tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi billi tillikwida s-somma dovuta għal dik imsemmija ta' ħdax-il elf, erba' mija u disgħa u disgħin euro u sebgħin ċenteżmu (€11,499.70), u tordna lill-konvenuti jħallsu din is-somma lis-soċjetà attriċi bl-imgħaxijiet li jibdew jiddekorru mil-lum.

»L-ispejjeż ukoll a kariku tal-konvenuti.»

9. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu għal din id-deċiżjoni, safejn relevanti għall-appelli, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Kif jidher ċar is-soċjetà attriċi qed titlob il-ħlas għal żmien li l-konvenuta għamlet fl-isptar *Capua*. … … …

»… … …

»Mill-provi jirriżulta li l-konvenuta ddaħħlet fid-dar tal-anzjani … … … Jidher li wlied il-konvenuta ma kinux kuntenti bil-mod kif kienet qed tiġi kkurata (fis-sens ta' '*taking care*') ommhom u finalment trasferewha x'imkien ieħor u allura qed jgħidu li ma għandhomx iħallsu għas-servizz imsemmi.

»Naturalment dan mhux il-każ. Ladarba s-servizz ħaduh huma għandhom iħallsu tiegħu. Ladarba ma għamlu xejn biex jikkontestaw jew iħassru l-kuntratt eżistenti bejn is-soċjetà attriċi u ommhom huwa ċar li dak il-kuntratt għandu jiġi rispettat. Mid-dokumenti esebiti mis-soċjeta attriċi (mix-xhud Joseph Aquilina) jirriżulta li hija dovuta s-somma ta' erbat elef, disa' mija sitta u tletin Liri Maltin u tnejn u tmenin ċenteżmu (Lm4,936.82c) illum ħdax-il elf, erba' mija u disgħa u disgħin Euro u sebgħin ċenteżmu (€11,499.70). Dan ma ġie bl-ebda mod kontradett, u allegazzjoni ta' ftehim ieħor verbali msemmija fin-nota tal-eċċezzonijiet ma rriżulatx mill-provi.«

10. Appella Boris Arcidiacono, bħala terz interessat, b'rikors tal-14 ta' Lulju 2014 li għalih l-attriċi wieġbet fis-6 ta' Awwissu 2014. Appellaw ukoll il-konvenuti Mark Arcidiacono, Tania Ragonesi u Renato Arcidiacono b'rikors tat-18 ta' Lulju 2014 li għalih l-attriċi wieġbet fis-6 ta' Awwissu 2014. Ma sar ebda

appell f'isem il-konvenuti Esther Robinson u l-wirt ta' Aldo Arcidiacono u għalhekk is-sentenza safejn tolqot lil dawn hija finali.

11. Din il-qorti sejra tibda billi tqis jekk Boris Arcidiacono għandux l-interess li jilleġittimah iressaq appell taħt l-art. 236 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

12. L-appellant isejjes l-interess tiegħu fuq il-fatt illi, jekk l-assi tal-wirt ta' ommu Erminia Arcidiacono jitnaqqsu bil-ħlas tal-ammont pretiż mill-attriċi, is-sehem riżervat mill-wirt li jmiss lilu bil-liġi wkoll jitnaqqas. L-appellant kien tħalla barra fil-ħatra ta' werrieta fit-testment ta' ommu, u għalhekk igħid illi għandu jedd għas-sehem riżervat.

13. L-attriċi ikkontestat l-interess tal-appellant għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »L-appell tat-terz huwa irritu u null. L-ewwel, Boris Arcidiacono huwa familjari ħafna ma' dawn il-proċeduri: ġew istitwiti kawżi paralleli, waħda kontra Erminia Arcidiacono u l-oħra kontra binha Boris, għaliex huwa kien iffirma d-dokumentazzjoni. Dik kontra Boris Arcidiacono ma rnexxietx għaliex ġie ritenut mill-qorti illi r-responsabilità ma kenetx ta' Boris Arcidiacono, u allura loġikament ta' ommu. Dan qed jingħad għaliex, li kieku kellu interess veru, seta' faċilment jissenjala l-presenza tiegħu.
>
> »Il-pretensjoni tiegħu leġitimarja ma għandha xejn x'taqsam mal-validità tal-pretensjoni attriċi, fis-sens illi dan ma għandux xi interess essenzjalment dipendenti fuq il-pretensjoni attriċi. L-artikolu 236 li jagħti dritt ta' appell lit-terz interessat ma jindikax il-kriterji ta' interess u għalhekk japplikaw ir-regoli tradizzjonali illi l-interess irid ikun personali, dirett, attwali, legali / leġittimu. It-terz appellant jista' potenzjalment ikollu interess illi l-patrimonju ta' Erminia Arcidiacono ma jonqosx, għalkemm il-pretensjoni tiegħu hija kreditu. Iżda l-interess tiegħu invokat mhux dipendenti fuq din il-pretensjoni: biex jista' jappella bħala terz, irid juri illi għandu interess illi huwa kontinġenti, jew dipendenti jew konsegwenzjali għall-vertenza – issemmew l-eżempju ta' C li jkun fuq konvenju ma' B li qiegħed fuq konvenju ma' A. C għandu interess illi l-konvenju bejn A u B jibqa' validu; similment C li ħa titolu mingħand B għandu interess dirett fuq il-validità tat-titolu mingħand A; l-esponenti jgħidu għalhekk ma hemm ebda *locus standi* tat-terz appellant, aktar u aktar meta kien jaf bil-proċeduri u tul l-ewwel istanza għażel li jibqa' barra.«

14. L-interess tal-appellant Boris Arcidiacono huwa ovvju, għar-raġuni mogħtija minnu. Tassew illi jekk il-pretensjoni tiegħu għas-sehem riservat tirnexxix jew le ma jiddependix fuq l-eżitu ta' dan l-appell, iżda l-*quantum* tas-sehem ċertament jintlaqat għax jiddependi fuq l-assi netti wara li jitnaqqsu d-djun tal-wirt[1]. Il-fatt imbagħad illi "kien jaf bil-proċeduri u tul l-ewwel istanza għażel li jibqa' barra" ma jolqotx il-jedd tiegħu li jappella taħt l-art. 236 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

15. Il-qorti sejra għalhekk tqis il-meritu tal-appell ta' Boris Arcidiacono, u sejra tqisu flimkien mal-appell tal-konvenuti appellanti l-oħra billi l-aggravji huma essenzjalment l-istess.

16. L-ewwel argument tal-appellanti – imressaq fl-ewwel aggravju ta' Boris Arcidiacono u mill-konvenuti l-oħra fit-tieni aggravju tagħhom – hu illi l-attriċi ma għandhiex interess fil-kawża billi kull kreditu li seta' kellha ġie assenjat lil terzi, *viz.* lis-soċjetà *Clinical Administrative Services Limited.*

17. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk minn Boris Arcidiacono:

> »Mix-xiehda mogħtija minn Michael Warrington, li kien *financial controller* tal-kumpannija attriċi appellata, waqt is-seduta ta' nhar il-11 ta' Ottubru 2004 … irriżulta illi kwalunkwe kreditu li seta' kellha l-kumpannija attriċi appellata ġie assenjat lil kumpannija oħra li jisimha *Clinical Administrative Services Limited*.
>
> »Michael Warrington xehed dan li ġej:
>
> > »Mistoqsija: … … … meta l-isptar inbiegħ minn *AX Holdings*, saret xi riserva, saret xi ċessjoni fuq id-debitu?
> >
> > »Xhud: Iva, id-debiti li kien hemm tas-sussidjarja *Capua Palace Limited* ġew assenjati għall-kumpannija jisimha *Clinical Administrative Services Limited*.

---

[1] Art. 620(2) Kod. Ċiv.

»Mistoqsija: Biex tkun ċara, debiti u krediti hawnhekk niftiehmu b'mod differenti milli jafuhom l-*accountants*.

»Xhud: Il-flus dovuti mingħand in-nies li kellhom jagħtu lil *Capua* ġew assenjati lis-sussidjarja oħra tal-grupp. Jisimha *Clinical Administrative Services Limited*, il-flus li kellna niġbru, biex inkun ċar.

»Kwindi ladarba l-kumpannija attriċi appellata assenjat il-krediti li setgħu kienu dovuti lilha, hija ma għandha l-ebda interess ġuridiku u leġittimazzjoni attiva fit-talbiet li qiegħda tagħmel f'din l-istanza.

»Isegwi wkoll li l-ebda ammont ma huwa dovut lill-kumpannija attriċi appellata li – *ex admisses* – żvestiet ruħha minn kull kreditu li seta' kien dovut lilha u għalhekk it-talbiet tal-kumpannija attriċi appellata kellhom jiġu miċħuda.

»Għal din ir-raġuni biss is-sentenza appellata għandha tiġi revokata.«

18. Il-konvenuti appellanti l-oħra ressqu l-istess argument u komplew igħidu wkoll illi:

»L-esponenti għamlu tfittxija fir-reġistru tal-kumpaniji mal-*MFSA* u sabu illi attwalment, fl-20 ta' Diċembru 2002 u *cioè* sentejn wara li ġiet presentata din il-kawża, is-soċjetà attriċi biddlet isimha u minn kif kien jisimha sar jisimha *Saint James (Capua) Hospital Limited* – C 14713. Ebda korrezzjoni ma qatt intalbet u jew ma qatt saret fl-atti tal-kawża. Il-kawża inbdiet u spiċċat bl-istess isem. Attwalment, però, b'riżultat tas-sentenza s-soċjetà li ġiet kanonizzata mhix is-soċjetà korretta iżda dik oriġinali u ċertament illi tali soċjetà ma setgħet qatt tiġi kanonizzata kreditriċi ta' ħadd! Dak li ma jesistix ma jista' qatt la jitlef u lanqas jirbaħ kawża u kwindi *Capua Palace Limited* ma setgħet qatt tirbaħ f'kawża għax ma kinetx iżjed hi is-soċjeta' attriċi.

»… … …

»Mela attwalment is-sitwazzjoni hija illi mhux biss li s-soċjetà *Capua Palace Hotel* (dik kanonizzata kreditriċi) ma tesistix, iżda li anke jekk stess jiġi ritenut illi n-nuqqas ta' leġittimazzjoni tal-atti ma hux ta' preġudizzju assolut għas-suċċess tal-azzjoni attriċi, attwalment is-soċjetà attriċi ma baqalhiex aktar interess fl-eżitu tal-kawża odjerna.«

19. L-argument imsejjes fuq il-bdil tal-isem huwa fieragħ. Il-kumpannija baqgħet l-istess persuna għalkemm inbidel isimha. F'kull każ, saret leġittimazzjoni tal-atti quddiem din il-qorti wara li s-soċjetà attriċi nqasmet bil-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda, u l-kawża tkompliet fl-isem ta' *Vilhena Property Investment Limited*.

20. Fadal il-kwistjoni taċ-ċessjoni tal-kreditu. L-attriċi wieġbet hekk għal dan l-aggravju:

> »Dwar l-ewwel aggravju li ma hemmx interess, anke jekk wieħed mingħajr preġudizzju u għall-grazzja tal-argument biss kellu jsib illi hemm assenjazzjoni bejn *Capua Palace Limited* u *Clinical Administrative Services Limited*, li huwa miċħud, din ma tagħmilx stat fil-konfront tal-appellati minħabba il-fatt illi ma saret ebda notifika permezz ta' att ġudizzjarju kif jirrikjedi l-artikolu 1472 tal-Kodiċi Ċivili; l-istess artikolu 1472(*a*) huwa ċar fis-sens illi debitur ma jistax iġib bħala difiża l-assenjazzjoni ta' kreditu ta' kreditur tiegħu f'każ illi ma jiġix notifikat b'tali assenjazzjoni permezz ta' ittra uffiċjali; fil-fatt b'xiehda ta' dan, fin-nuqqas ta' tali notifika, debitur ikollu d-dritt illi jaqta' d-dejn tiegħu billi jħallas lill-preżunt [kreditur].
>
> »Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ix-xiehda ta' Michael Warrington, li huwa l-*financial director* tal-kumpannija appellata, trid tittieħed fil-kuntest ta' x'jifhem persuna professjonista fil-finanzi b'assenjazzjoni; jiġi rilevat fil-fatt illi kien hemm kien biss trasferiment fil-kotba peress illi s-soċjetà esponenti hija parti minn grupp akbar ta' kumpanniji taħt il-kappa ta' *AX Holdings*. Dan żgur ma jfissirx illi sar xi tip ta' trasferiment ta' dejn li jġib miegħu l-estinzjoni tad-dritt t'azzjoni min-naħa tas-soċjetà esponenti. Fil-fatt, dak li jirreferi għalih is-Sur Michael Warrington fix-xiehda tiegħu jikkostitwixxi merament *inter-company book transfer of receivables*, iżda din ċertament ma ġġibx magħha sitwazzjoni fejn fil-konfront ta' terzi estranei kien hemm xi varjazzjoni: għalkemm internament fil-kotba kien hemm *accounting entries* illi jindikaw hekk, ma jvarja xejn u ma hemmx prova kif teħtieġ il-liġi ta' xi bidla fir-relazzjonijiet bejn terzi u l-attriċi. Fil-fatt *book transfer* ma jikkostitwix trasferiment kif jirrikjedi l-artikolu 1470 tal-Kodiċi Ċivili, u din il-qorti ċertament ma tistax issib illi assenjazzjoni saret u l-interess tal-esponenti huwa estint fin-nuqqas ta' kuntratt ta' assenjazzjoni bil-miktub jew prova ta' tali kuntratt in atti.«

21. Tgħid sew l-attriċi (i) illi ċessjoni ta' krediti ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub[2], u ma tressqet ebda prova li saret dik il-kitba, u (ii) illi f'kull każ il-konvenuti ma ġewx mgħarrfa b'xi ċessjoni b'att ġudizzjarju, kif irid l-art. 1471 Kod. Ċiv., u quddiem id-debitur iċ-ċessjoni ma tiswiex qabel ma dan jiġi mgħarraf biha b'att ġudizzjarju; barra minn hekk, l-art. 1472(*a*) Kod. Ċiv. igħid espressament illi "d-debitur ma jistax jeċċepixxxi ċ-ċessjoni kontra l-kreditur tiegħu".

---

[2] Art. 1470(1) Kod. Ċiv.

22. Dan l-aggravju msejjes fuq allegazzjoni ta' ċessjoni huwa għalhekk miċħud. Għandu jingħad ukoll illi dan verament kien argument ġdid li tressaq biss quddiem din il-qorti u ma tressaqx ukoll quddiem il-qorti tal-ewwel grad għalkemm l-appellanti kienu jafu bix-xhieda ta' Michael Warrington mill-11 ta' Ottubru 2004.

23. Ngħaddu issa għal żewġ aggravji oħra li tressqu mill-appellanti: it-tieni aggravju tat-terz appellant u t-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti. Dawn l-aggravji jolqtu dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi wkoll safejn magħmula kontra l-konvenuta Tania Ragonesi għalkemm din kienet irrinunzjat għall-wirt ta' ommha Erminia. Igħidu illi ladarba din irrinunzjat għall-wirt ma tweġibx għad-djun ta' ommha.

24. Dwar dan l-aggravju l-attriċi wieġbet biss illi "l-esponenti jirrimettu rwieħhom għall-atti u għall-provi". L-aggravju huwa ġustifikat: fl-atti hemm kopja tan-nota quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) li biha l-konvenuta Tania Ragonesi irrinunzjat għall-wirt ta' ommha, u ma ntweriex illi kellha pussess tal-beni tal-wirt jew għamlet xi atti ta' werrieta. L-appellanti għalhekk għandhom raġun igħidu illi ma tweġibx għad-dejn tal-wirt.

25. Madankollu, għalkemm Erminia mietet fl-4 t'April 2002, in-nota ta' rinunzja ddaħħlet quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fit-2 ta' Settembru 2013, aktar minn ħdax-il sena wara. Sakemm ma saritx ir-rinunzja, l-attriċi ma setgħetx ma tkomplix il-kawża kontra tagħha wkoll, u għalhekk huwa xieraq

illi, għax irrinunzjat għall-wirt tard, Tania Ragonesi tħallas l-ispejjeż kollha tagħha.

26. Ngħaddu issa għat-tielet aggravju tat-terz appellant u r-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti, li jolqtu dik il-parti tas-sentenza li laqgħet it-talbiet tal-attriċi billi l-konvenuti ħadu s-servizz li għalih qiegħed jintalab ħlas u "ladarba ma għamlu xejn biex jikkontestaw jew iħassru l-kuntratt eżistenti bejn is-soċjetà attriċi u ommhom huwa ċar li dak il-kuntratt għandu jiġi rispettat".

27. L-aggravju ta' Boris Arcidiacono ġie mfisser hekk:

> »… … … l-ebda ammont ma huwa dovut lill-kumpannija attriċi appellata għaliex hija ma rrendietx is-servizz minnha mwiegħed u kwindi *inadimplenti non est ademplendum*
>
> »… … … L-esponenti huwa familjari sew mal-mertu ta' dina l-kawża għaliex fl-ewwel lok huwa kien jieħu ħsieb lid-defunta Erminia Arcidiacono, huwa kien involut meta hija marret tirrisjedi ġewwa *Capua Palace* u huwa kien saħansitra ġie mħarrek personalment mill-kumpannija attriċi appellata f'kawża separata, li … kellha eżitu favorevoli għall-esponenti.
>
> »Ir-raġuni pura u sempliċi li a bażi tagħha l-esponenti jsostni li l-ebda ammont ma għandu jitħallas lill-kumpannija attriċi appellata hija li filwaqt li d-defunta Erminia Arcidiacono kellha tmur tirrisjedi ġewwa l-*Capua Suite* ġewwa *Capua Palace* bħala residenza tal-anzjani, id-dar ta' l-anzjani qatt ma nfetħet mill-kumpannija konvenuta [*recte*, attriċi] appellata u, minflok ma tqiegħdet fil-*Capua Suite*, hija tqiegħdet fit-taqsima ta' kura intensiva tal-isptar. Dawn il-fatti ġew ampjament ippruvat mis-segwenti:
>
> »(i) mid-dokument immarket bħala Dok. TA anness man-nota ta' eċċezzjonijiet tad-defunta Erminia Arcidiacono jirriżulta li skond il-ftehim li kien ġie iffirmat bejn il-kumpannija attriċi appellata u l-esponenti f'isem id-defunta Erminia Arcidiacono, il-kumpannija attriċi appellata kellha tipprovdi "*accommodation and care and residence services at Capua Palace Residence*" u b'mod partikolari "*accommodation in Capua Suite which is a double room on the 1st floor of the Residence*";
>
> »(ii) *Capua Palace* kellha tkun "*a residence and respite care centre for senior citizens*". Mill-estratt tal-gazzetta *The AX Press* annessa mal-*affidavit* tal-esponenti ippreżentat quddiem l-ewwel qorti jirriżulta ampjament li ġie reklamat li "*On 1st October 1998, the day dedicated to the elderly, Mr Angelo Xuereb, AX Holdings chairman, has officially opened Capua Palace in Sliema as a residence and respite centre for senior citizens*";

»(iii) id-defunta Erminia Arcidiacono ma kellhiex bżonn tiġi rikoverata ġewwa sptar iżda kienet trid tirrisjedi f'dar tal-anzjani kif fil-fatt kellha tkun ir-residenza ġewwa *Capua Palace* kif intwera mid-dokumentazzjoni li saret referenza għaliha fil-paragrafi preċedenti;

»(iv) id-defunta Erminia Arcidiacono kienet ġà tirrisjedi f'dar tal-anzjani ġewwa *Villa Messina*, ir-Rabat iżda mbagħad ittieħdet id-deċiżjoni li ma tibqax hemm hekk għaliex, kif il-konvenut Mark Arcidiacono spjega fl-ittra tiegħu lill-*matron* ta' *Villa Messina*, … Erminia Arcidiacono kienet sejra tirrisjedi ġewwa "*another premises closer to us all in the neighbourhood of Sliema*";

»(v) l-esponenti spjega b'mod ċar għal aktar minn darba fix-xiehda tiegħu quddiem l-ewwel qorti x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu sabiex id-defunta Erminia Arcidiacono u t-tfal tagħha iddeċidew li tmur tirrisjedi fil-*Capua Suite*. Fl-*affidavit* tiegħu, l-esponenti spjega dan li ġej:

> »"Xi żmien qabel Novembru tas-sena 1998, b'mod partikolari f'Ottubru tas-sena 1998, il-kumpannija li qiegħda tagħmel din il-kawża jew kumpannija fil-grupp, irreklamat il-*Capua Palace* bħala "*A Helping Hand for Senior Citizens*". Dan kif jidher mill-pubblikazzjoni jis-semmew fil-fatt is-*suites* imsemmija minni waqt ix-xiehda li tajt quddiem dina l-qorti.
>
> »"Fil-fuljett … *Capua Palace* ġie reklamat bħala residenza tal-anzjani bl-islogan "*Capua Palace – Residence and Respite Care for Senior Citizens*".
>
> »"F'dak il-fuljett jingħad illi, fost is-servizzi li kienu ser jiġu offruti, kien hemm "*long term care as permanent residence*".
>
> »"Kien għalhekk illi fis-sena 1998 jiena u oħti Esther Robinson u żewġha Michael Robinson, kif ukoll oħti Tanya Ragonesi, konna morna l-*Capua Palace Residence* wara li għamilna appuntament ma' Phyllis Farrugia. Din Phyllis Farrugia dawwritna mal-post u wrietna l-*Capua Residence* li konna interessati fiha. Din kienet tinstab fuq l-ewwel u t-tieni sular. Il-post kien għad ma fihx residenti, iżda kien kważi lest minn kollox. L-arredamenti tal-kmamar u *suites* li rajna kien lest kif jidher fir-ritratt fuq il-fuljett … Biss ma kienx għad hemm residenti. Ngħid ukoll illi kien hemm kappella, librerija u *cafeteria* kbira li kienu lesti. Niftakar ukoll illi kien għad hemm xi ħaddiema jagħtu *finishing touches*.
>
> »"Fost is-*suites* kollha, Phyllis Farrugia urietna ukoll il-*Capua Suite* li kienet kamra doppja fl-ewwel sular tar-residenza.
>
> »"Nhar it-30 ta' Ottubru 1998, konna erġajna morna jiena u oħti Esther Robinson u żewġha Michael Robinson, kif ukoll oħti Tanya Ragonesi, flimkien mal-mamà tagħna sabiex nuruha l-post. Il-mamà kien għoġobha u wriet ix-xewqa illi tirrisjedi ġewwa l-*Capua Suite* bħala r-residenza tagħha, liema *suite* ngħid illi kienet parti mill-"Capua Residence".
>
> »"… … …
>
> »"Barra minn dan kollu nixtieq inżid li fi kwalunkwe każ it-talbiet tal-kupannija *Capua Palace Limited* ma għandhomx jintlaqgħu peress illi filwaqt illi fil-ftehim tat-30 ta' Ottubru 1998 dik il-kumpannija obbligat

ruħha li tagħti akkomodazzjoni *ossia* residenza lill-mamà ġewwa l-*Capua Suite* bħala residenza, ngħid illi fil-fatt il-*Capua Palace* qatt ma nfetaħ bħala residenza għall-anzjani.

»Ngħid illi l-mamà fil-fatt qatt ma nżammet ġewwa l-*Capua Suite*. Minflok, inżammet fis-sular ta' fuq fejn kien hemm pazjenti anzjani bi bżonnijiet partikolari.

»"Il-mamà tqegħdet ma' pazjenti tal-isptar, b'mod partikolari fejn kien hemm *acute patients*.

»"Ngħid illi fejn tpoġġiet il-mamà kien hemm pazjenti illi kienu morda ħafna u kien ikun hemm ħafna għajjat.

»"Dan ma kienx skond il-ftehim li ġie ffirmat. Minn dan il-ftehim jirriżulta ċar illi l-mamà kellha titqiegħed f'residenza mhux fi sptar ta' pazjenti ta' kura intensiva. Il-ftehim assolutament ma ġiex onorat mill-kumpannija li qiegħda tagħmel din il-kawża. Ngħid illi l-mamà mhux biss ma ingħatatx il-*Capua Suite* iżda wkoll għalkemm il-*Conditions for Admission of Residents to Capua Palace* (kundizzjoni bin-numru 7) kienu jikkontemplaw il-fakultà illi l-kumpannija *Capua Palace Limited* tibdel is-*suite* wara li tagħti avviż bil-miktub, tali avviż qatt ma ngħata.

»"F'dan ir-rigward ngħid illi aħna l-aħwa konna lmentajna ma' Phyllis Farrugia kif ukoll ma' uffiċjali mill-*accounts*. Phyllis Farrugia kienet twegħedna ripetutament li l-arja li kien fiha l-*Capua Suite* kienet ser tinfetaħ ġaladarba jidħlu aktar residenti anzjani u allura kien ikun vijabbli li *Capua Palace* jopera bħala residenza għall-anzjani. Għal-hekk il-mamà tiegħi kienet tispera li dan ser iseħħ. Però l-mamà qatt ma ddaħlet fil-*Capua Suite* u għalhekk is-servizz imwiegħed ma ngħatax."

»(vi) fl-istess sens hija x-xiehda mogħtija mill-esponenti fil-kawża li kienet ġiet ippreżentata kontra tiegħu waqt l-udjenza ta' nhar il-5 ta' Diċembru, 2007 … Fl-istess sens ukoll hija x-xiehda mogħtija mill-esponenti f'dawn l-atti fejn waqt l-udjenza ta' nhar it-18 ta' Frar 2009 jerġa' jisħaq illi: "il-mamà tiegħi *she was the one who accepted*, *she liked the accommodation in the residence, but she was denied that. They have always promised her that she would be staying at the residence, at the Capua suite*. ... Jiena qed nagħmel referenza l-pagament għal xiex kienet. Il-pagament kienet biex il-mamà tiġi akkommodata fil-*Capua Suite*. *This is a very important matter*";

»(vii) din ix-xhieda tinstab korroborata mix-xiehda mogħtija mill-konvenut Renato Arcidiacono waqt is-seduta ta' nhar is-17 ta' Jannar 2014 quddiem l-ewwel qorti fejn xehed illi: "kienet tgerger ommi għax mhux suppost qiegħda hemm; għidtilha probabbli temporanju *for a couple of days* sakemm jirranġaw il-kamra jien, ma kontx naf għax kien qed jirranġa hija fuqha". U meta ġie mistoqsi mid-difensur tiegħu jekk kellhiex tkun residenti fi *suite* u mhux ġewwa kwalunkwe kamra, huwa wieġeb illi: "Iva għax hi stess kienet qaltli, qaltli mhux hawn suppost qiegħda jien, għedtilha fejn ma rranġax, mela probabbli qegħdin jirranġaw xi kamra forsi għadha mhux lesta għax ma kontx naf eżatt l-arranġament x'kien";

»(viii) din ix-xhieda ma ġiet bl-ebda mod ikkontestata jew kontraddetta mill-kumpannija attriċi appellata.

»Minkejja dawn il-provi ċari, l-ewwel qorti irriteniet li ulied id-defunta Erminia Arcidiacono ma kenux kuntenti mill-mod li kienet qiegħda tiġi ikkurata (fis-sens ta' *taking care*) ommhom u li ladarba ħadu servizz u ma għamlu xejn biex jikkontestaw jew iħassru l-kuntratt għandhom iħallsu tas-servizz. Bir-rispett kollu dovut lill-ewwel qorti, jidher li hija ma apprezzatx sew il-fatti u l-provi li irriżultaw quddiemha. Il-kuntratt kien jgħid espressament li d-defunta Erminia Arcidiacono kellha tmur tirrisjedi ġewwa l-*Capua Suite* u li l-kumpannija attriċi appellata kellha tipprovdi servizzi ta' akkomodazzjoni ġewwa l-istess cjoè "*accommodation in Capua Suite which is a double room on the 1st floor of the Residence*". Bħala fatt, il-kumpannija attriċi appellata qatt ma fetħet id-dar ta' l-anzjani u d-defunta Erminia Arcidiacono qatt ma tqegħdet fil-*Capua Suite* iżda fl-isptar ma' pazjenti li kienu taħt kura intensiva.

»Ladarba il-kumpannija attriċi appellata ma onoratx l-obbligu kuntrattwali tagħha, din mhijiex kwistjoni fejn sempliċement l-esponenti u jew ħutu ma kenux kuntenti. Hija kwistjoni li l-kumpannija attriċi appellata naqset milli tonora dak li obbligat ruħha u għalhekk huwa inawdit li titlob ħlas ta' dak is-servizz li obbligat ruħha trendi u fil-fatt ma rendietux. Dana qiegħed jiġi sottomess *in vista* tal-prinċipju legali ribadit mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi *inademplenti non est ademplendum*. Dan il-prinċipju huwa bbażat fuq ir-raġuni ġuridika illi jekk wieħed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tiegħu di front għall-kontraent l-ieħor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li għamel dik il-vjolazzjoni, meta huwa stess isib ruħu fl-istess kundizzjoni, għaliex da parti tiegħu hemm vjolazzjoni oħra tal-kuntratt. Barra minn dan hemm il-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma' oħra. Dan huwa prinċipju illi huwa bbażat ukoll fuq il-*quid pro quo* illi jeżisti fil-kuntratti bilaterali kollha u senjatament illi parti illi hija inadempjenti ma tistax tippretendi illi l-parti l-oħra tonora dak minnha kontrattat u, f'każ illi l-parti l-oħra ma tonorax, tkun passibbli għad-danni.

»Għalhekk ladarba ġie ippruvat ampjament li l-kumpannija attriċi appellata kienet inadempjenti fl-obbligu assunti minnha, it-talbiet tagħha ma kellhomx jintlaqgħu. Lanqas ma kienet kwistjoni li l-kuntratt jiġi attakkat jew imħassar – kif donnha qalet l-ewwel qorti – peress illi l-kuntratt ma kien fih xejn ħażin, kien jirrifletti dak li ġie attwalment miftiehem. Kienet il-kumpannija attriċi appellata li ma onoratx dak li ġie miftiehem u għalhekk ma setgħet qatt tippretendi ħlas;«

28. Ir-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti l-oħra huwa msejjes fuq l-istess argument.

29. L-attriċi wieġbet hekk:

»Dwar il-mertu allegat, l-esponenti iqis illi l-ewwel qorti għamlet valuazzjoni ġusta tal-posizzjoni. … … … Jissemma' wkoll illi ma ssemma' xejn fil-mertu mill-konvenuti l-oħra, jiġifieri l-akkwiexxenza taċita kienet illi s-servizz ingħata, kif pattwit, u jidher illi s-Sur Boris Arcidiacono qed jipprova jfixkel dawn il-

konsegwenzi kontrattwali. Sewwa osservat l-ewwel qorti li la darba l-konvenuti ma għamlu xejn biex jippruvaw jannullaw jew iħassru l-kuntratt, dan għandu jiġi rispettat.

»B'mod assolutament fuorvijanti, l-esponenti jagħmel riferenza għal *affidavit* mingħajr ma jindika li dan kien magħmul fil-kawża parallela: fil-fatt dan kien sar fil-kawża Capua Palace Limited v. Boris Arcidiacono, ċit 383/01[3]; l-ewwel qorti, kif l-istess presjeduta, kienet illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex kienet responsabbli ommu u huwa ffirma għal ommu. Allura ħadd mhu responsabbli tas-servizz li ngħataw?

»Dan kollu sar biex l-appellant ifixkel il-konsegwenzi kontrattwali, u s-sentenza timmerita konferma bl-ispejjeż, bis-sanzjoni tad-*doppie spese* kontra l-appellant.«

30. Ġà rajna illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi s-soċjetà attriċi kellha tipprovdi akkommodazzjoni lil Erminia Arcidiacono speċifikament fil-*Capua Suite*:

»3. The daily fee due by the Resident to the Residence at the date of agreement is Lm22.00 exclusive of any taxes which the Company or Residence may be required to charge by law. The said fee is being stipulated on the basis that the Resident is being provided accommodation in Capua Suite which is a double room on the 1st floor of the Residence.«

31. Irriżulta wkoll illi Erminia Arcidiacono qatt ma ngħatat is-servizz imwiegħed lilha mis-soċjetà attriċi: qatt ma għexet ġewwa l-*Capua Suite* iżda tqiegħdet, minflok, f'ambjent ferm differenti ma' pazjenti anzjani bi bżonnijiet partikolari għax *Capua Palace Residence* ma nfetaħx fiż-żmien relevanti bħala *long-term residence* għall-anzjani.

32. Rajna wkoll illi l-ftehim inkorporat fil-*conditions for admission of residents to Capua Palace* igħid illi:

»2. The Residence reserves the right to change, in its absolute discretion, the room / suite allocated to the Resident where the exigencies of the Residence so require for the better administration of the Residence or for the purposes of providing a better level of nursing care to the Resident. When the Residence intends to exercise such right it shall give the Resident or authorised

3 L-atti tal-kawża 383/2001 ġew mehmuża mal-atti tal-kawża tallum u għalhekk setgħet issir referenza għal *affidavit* fl-atti tal-kawża l-oħra.

> representative a seven (7) day prior notification in writing. In no circumstances shall the accommodation fees due by the Resident to the Residence be changed simply for the reason that the Residence exercises its rights to change the room / suite allocated to the Resident for the better administration of the Residence.«

33. Dan il-patt huwa tentativ min-naħa tal-attriċi illi ddaħħal fil-ftehim dak li jissejjaħ *boot for boat clause*[4] u jidher mad-daqqa t'għajn illi jagħti raġun lill-attriċi li tippretendi l-istess ħlas ukoll jekk tagħti servizz differenti jew ukoll inferjuri. Madankollu, bħal kull patt kuntrattwali ieħor, dan il-patt ukoll għandu jitwettaq bil-bona fidi[5]. Li ma kienx hekk, interpretazzjoni servili tal-patt tagħti lill-attriċi d-dritt li tesiġi ħlas sħiħ ukoll jekk tipprovdi akkommodazzjoni fil-kantina fuq kaxxa tal-luminata.

34. Jibqa' fatt illi l-attriċi ma tatx is-servizz imwiegħed u flok fi *suite* Erminia tqiegħdet f'ambjent deprimenti ta' sptar. Dan la kien "*for the better administration of the Residence*" jew minħabba l-esiġenzi tar-*residence* – għax *residence* illi *de facto* ma teżistix għax għadha ma nfetħitx ma għandhiex esiġenzi ta' amministrazzjoni – u lanqas "*for the purposes of providing a better level of nursing care to the Resident*" għax Erminia tqiegħdet f'ambjent agħar għaliha mhux aħjar.

35. Erminia ma tqegħditx fi *suite* mhux għax inħolqu xi esiġenzi partikolari jew għax inbidlu xi ċirkostanzi, iżda għax ir-*residence* ma nfetħitx. Sa mill-bidunett mela l-attriċi ma kellhiex il-ħsieb li tipprovdi akkommodazzjoni fi

---

4 We undertake to deliver a boat but reserve the right to deliver a boot instead.

5 Art. 993 Kod. Ċiv.

*suite* u ħasbet illi tilqa' għal dan billi tfittex illi fil-ftehim tinkorpora l-patt fuq imsemmi.

36. Dan ma huwiex twettiq tal-obbligazzjoni bil-bona fidi li trid il-liġi.

37. U lanqas ma jista' jingħad illi l-konvenuti taċitament aċċettaw is-sitwazzjoni. Il-fatt li kienu lesti jagħalqu għajnejhom għal ftit jiem ma jfissirx li kienu lesti jaċċettaw ili s-sitwazzjoni ssir waħda permanenti. Dan ma hux każ fejn tirrifjuta l-konsenja ta' merkanzija difettuża; Erminia kienet abbandunat il-post li kellha f'*Villa Messina* u ma kienx daqshekk faċli li ssib post ieħor u tirrifjuta l-prestazjoni tal-attriċi għax din ma żammitx il-kelma.

38. Ukoll, ma huwiex il-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, il-konvenuti messhom ikkontestaw il-kuntratt. Il-kuntratt ma kienx difettuż jew annullabbli; kien jiswa u li riedu l-konvenuti hu li jiġi rispettat mhux li jiġi kontestat. Li kien hemm difettuż ma kienx il-kuntratt iżda t-twettiq tiegħu min-naħa tas-soċjetà attriċi.

39. Huwa minnu illi, minkejja dan kollu, Erminia ngħatat forma ta' servizz ta' akkommodazzjoni u servizzi oħra, u ta' dan l-attriċi jistħoqqilha ħlas, iżda mhux bir-rata daqslikieku tat prestazzjoni sħiħa u perfetta.

40. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-qorti tqis illi huwa raġonevoli illi temmen dak li ngħad fit-tielet eċċezzjoni ta' Erminia Arcidiacono illi kien hemm ftehim illi l-ħlas jonqos minn tnejn u għoxrin lira ta' Malta (Lm22) kuljum għal tlittax-il lira u nofs (Lm13.50) kuljum biex jirrifletti s-servizz inferjuri li kien qiegħed jingħata. Tassew illi kien ikun aktar għaqli illi dak il-ftehim isir bil-miktub, iżda

l-qorti tifhem illi l-konvenuti emmnu illi s-sitwazzjoni irregolari kellha tkun ta' ftit jiem biss u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa għal ftehim aktar formali.

41. Il-ħlas bir-rata normali kien ikun ta' ħdax-il elf, erba' mija u disgħa u disgħin euro u sebgħin ċenteżmu (€11,499.70), kif qalet l-ewwel qorti. Dan għandu jitnaqqas għal tlittax u nofs minn tnejn u għoxrin ($^{13.5}/_{22}$) biex jiġi sebat elef u sitta u ħamsin euro u sittin ċenteżmu (€7,056.60).

42. Il-qorti għalhekk tħassar is-sentenza appellata safejn tolqot lill-konvenuti appellanti, b'dan li tibqa' fis-seħħ safejn tolqot lil dawk illi ma appellawx. Tipprovdi, minflok, billi tiċħad it-talbiet safejn magħmula kontra l-konvenuta Tania Ragonesi u tikkundanna lill-konvenuti l-oħra appellanti jħallsu s-sehem tagħhom mid-dejn li qiegħed jiġi likwidat fis-somma ta' sebat elef u sitta u ħamsin euro u sittin ċenteżmu (€7,056.60) flimkien mal-imgħaxijiet relativi minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

43. L-ispejjeż tal-konvenuta Tania Ragonesi, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jibqgħu bla taxxa; l-ispejjeż tat-terz appellant jinqasmu bin-nofs bejnu u bejn l-attriċi; u l-ispejjeż l-oħra tal-ewwel grad (ħlief għal sehem il-konvenuti li ma appellawx, li jibqa' regolat bis-sentenza appellata) u dawk tal-appell jinqasmu bin-nofs bejn l-attriċi u l-konvenuti appellanti.

| Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
| --- | --- | --- |

Deputat Reġistratur
da